MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 219/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta :

Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-17 ta’ Settembru 1983 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok. GA1**;

Illi frott ta’ dan iż-żwieġ ma twieldu ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar minn erba’ (4) snin u kif jirriżulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni viġenti bejniethom datat it-23 ta’ Marzu 1992 u redatt fl-Atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono (ara **Dok. GA2** hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra r-rikorrent ilu f'relazzjoni stabbli ma' persuna oħra għal snin twal, tant li għandu tifla ta' sbatax (17) –il sena frott tal-istess imsemmija relazzjoni;

Illi *ai termini* tal-istess kuntratt esebit (ara klawsola numru tlieta ta' **Dok. GA2**), l-ebda manteniment m'huwa dovut bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1) Illi fl-ewwel lok, l-esponent taqbel mal-kontenut tar-Rikors Promotur u min-naha taghha tiddikjara li hija favur li z-zwieg *de quo* jigi xolt permezz ta' divorzju;
2) Illi stante li l-kontendenti partijiet ilhom ghal aktar minn erbgha (4) snin legalment separati minn ma xulxin, kif ukoll li huma kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, u peress li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, jigi umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iz-zwieg tal-kontendenti partijiet jigi xolt permezz ta' divorzju;
3) Illi l-esponenti thoss illi m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, u in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq f'dan ir-rigward;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2012 illi permezz tieghu l-intimata talbet lill-Qorti sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita Mercieca u semghet lir-rikorrenti u lill-avukat difensur tieghu Dr Abigail Galea jiddikjaw illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni f'dan ir-rigward u li kienu qeghdin jezentaw lill-intimata milli tipprezenta nota appozita f'dan ir-rigward;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Marzu 1992 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-intimata kienet iddekadiet u irrinunzjat mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand ir-rikorrenti u l-istess rikorrenti wkoll kien irrinunzja u iddekada minn kull manteniment li setgha ikun dovut lilu mill-intimata u ir-rikorrenti ipprova wkoll illi miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita Mercieca; u tilqa t-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------